MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 118/1991/2

**Salvu Xerri u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2000, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Victor Scerri minflok Salvu Xerri li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Salvina Xerri mart Paul u l-istess Paul Xerri**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1 Dan huwa appell interpost mill-attur Victor Scerri minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fl-24 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi li kienet cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.
1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riprodotta *in toto*, in kwantu fiha gie ritenut u deciz kif gej:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

"Li l-attur kien proprjetarju ta' art fi triq Kortoll, Xaghra Gozo, tal-kejl ta' cirka mitejn u wiehed u tmenin metru kwadru (281m.k.) u tikkonfina mil-Lvant mat-triq, Nofsinhar ma' beni ta' Luigi Attard jew in-necessuri tieghu fit-titolu u Tramuntana ma' beni ta' Eucharist Camilleri,

"Li l-konvenuta Salvina Xerri, li dehret ghan-nom tal-attur b'att tan-nutar Paul George Pisani tat-28 ta' Ottubru 1989, bieghet u ttrasferiet lil zewgha, l-konvenut l-iehor Paul Xerri, din l-art, bil-prezz ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) liema prezz gie ghat-taparsi, kwantu ghal elf Lira Maltin (Lm1000) kompensat ma' somma gia` dovuta mill-attur lill-konvenuti ghal servigi gia` rezi recedentement ghall-imsemmi att, u kwantu ghar-rimanenti elfejn Lira (Lm2000) Maltin kellhom jigu kumpensati ma' somma simili li ghandha tkun dovuta ghal servigi ulterjuri li ghandhom jigu rezi fil-futur mill-istess konvenuti.

"Li dan l-att huwa simulat u sar b'qerq ghall-attur, billi, l-istess att qatt ma nkariga lill-konvenuta Salvina Scerri sabiex tittrasferixxi ghan-nom tieghu l-fond imsemmi, billi l-istess attur qatt ma ried li dak it-trasferiment isir, u ghalhekk dak sar kontra r-rieda tieghu; u ghaliex li stess trasferiment sar a bazi ta' konsiderazzjoni falza u inventata, billi l-konvenuti la qatt irrendew servigi lill-attur u lanqas kellhom f'mohhhom li qatt jirrendu servigi skond ma jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

“Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

“1. Tordna r-rexxissjoni tal-att ta' bejgh fl-atti tan-nutar Dottor Paul George Pisani tat-28 ta' Ottubru 1989 li bih il-konvenuta Salvina Xerri li dehret ghan-nom tal-attur bieghet lill-istess zewgha l-konvenut l-iehor Pawlu Xerri l-porzjoni art fi Triq il-Kortoll, Xaghra, tal-kejl superficjali ta' cirka 281 mk (mitejn u wiehed u tmenin metru kwadru) tmiss Lvant mat-triq, Nofsinhar ma' beni ta' Luigi Attard jew necessari tieghu u Tramuntana ma' beni ta' Eucharistico Camilleri minhabba li dan l-att huwa simulat u l-partijiet qatt ma kellhom f'mohhhom li jesegwixxu dan it-tip ta' negozju guridiku.

“2. Tordna r-rexxissjoni tal-istess att ta' bejgh jigi rexiss billi l-istess att sar b'qerq u bi frodi ghall-attur li ad insaputa tieghu.

“Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Ottubru 1991 kollha kontra l-konvenuti, li jibqghu minn mharrka ghas-subizzjoni

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur, konfermata bil-gurament tieghu.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi;

“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, billi l-kuntratt li qieghed jigi attakkat mill-attur sar validament u skond il-ligi;

“2. Illi ma hemmx lok ghal talba dwar is-simulazzjoni billi l-attur qieghed jallega simulazzjoni miz-zewg partijiet u din, skond il-Ligi, ma tista' twassal qatt ghar-rexxissjoni tal-kuntratt;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti mhux biss kellhom l-intenzjoni li jirrendu servizzi, izda talli kien ilhom zmien jirrendulu servizzi – tant li fi zmien minnhom, kien qed ihejji biex imur jabita

maghhom. Dan oltre xoghol ta' tindif u kura sew personali u kif ukoll tad-dar;

"4. Illi l-konvenuti jichdu li kien hemm xi frodi fit-thejjija tal-kuntratt, tant illi dan kien sar bi prokura rilaxxjata validament mill-attur;

"5. Illi stante dak li ntqal qabel l-azzjoni tal-attur, kellha tkun diretta biex fl-ewwel lok, jattakka l-validita` tal-prokura mahruga minnu.

"6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Salvina Xerri.

"Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 1993 fejn innominat lill-avukat Dottor Grazio Mercieca bhala perit legali f'din il-kawza.

"Rat ir-relazzjoni tal-istess perit legali pprezentata fid-9 ta' Awwissu 2005 u minnu kkonfermata fit-8 ta Frar 2006.

"Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2007 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

"Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha.

"Ikkunsidrat:

"Illi b'din il-kawza l-attur talab ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' bejgh li permezz tieghu ttrasferixxa l-proprjeta` indikata fic-citazzjoni lill-konvenuti u dan ghad-diversi ragunijiet imsemmja fl-istess citazzjoni.

"Insibu fil-ligi taghna illi:

“"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni." [1]

“Din l-azzjoni giet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti:

“"*L'azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia. E` un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo."* [2]

“Sabiex tirnexxi kawza bhal din iridu jikkonkorru tlett kundizzjonijiet:

“"*Affinche` l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni: (a) che l'obbligazione sia invalida; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva."* [3]

“Inghad dwar l-ewwel rekwizit illi: " … *l'azione rescissoria e` la sanzione dell'incapacita' legale a obbligarsi per contratto, dei vizii di consenso e della lesione*."[4] Fil-kaz in ezami l-attur ibbaza t-talba taghha ghar-rexxissjoni fuq (i) is-simulazzjoni, bhala vizzji tal-kunsens taghha, u (ii) il-frodi jew il-qerq fil-konvenuti, bhala l-kontraenti l-ohra fuq

---

[1] art. 1212 kap. 16.
[2] Giorgio Giorgi: Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246.
[3] ibid.. para. 149 pag. 251.
[4] ibid. para 150 pag. 251.

dan il-kuntratt. Dwar l-ewwel raguni ghar-rexxissjoni: Jinghad qabel xejn illi din il-premessa u cioe` dik tas-simulazzjoni, mhix raguni valida ghar-rexxissjoni tal-kuntratt, ghax tippresupponi l-inezistenza ta' kuntratt, mentri fir-rexxissjoni, kif ghadna kemm rajna, ghandna kuntratt li sakemm ma jigix dikjarat null, jibqa' validu. Is-simulazzjoni tippresumi l-inezistenza tal-kuntratt *ab initio.* "*Un atto giuridico dicesi simulato, quando siavi contradizione deliberata tra la volonta` di chi lo compie e l'esterna manifestazione di essa; e simulazione dicesi il vizio onde il negotium juris e' affetto. Quando altro si dice ed altro si vuole, si ha una manifestazione senza volonta` ed una volonta` senza manifestazione; onde ne' l'una ne' l'altra puo` costituire il negozio giuridico … Percio` nella simulazione non vi ha che l'apparenza di un atto, il quale in realta' non esiste come tale: non vi ha che una volonta` apparente ma non reale, o che per lo meno non e' quella manifestata*[5]*.”* Dan ghal dak li jirrigwarda s-simulazzjoni assoluta. Jekk imbaghad ikun hemm simulazzjoni relattiva, l-konsegwenza tkun li jigi dikjarat x'inhu l-veru kuntratt intenzjonat bejn il-partijiet[6]. Imma din is-soluzzjoni zgur li mhix applikabbli fil-kaz in ezami, billi l-attur mhux qed jallega din it-tip ta' simulazzjoni. Il-perit legali erronjament ma dahal xejn f'din il-kwistjoni, u wasal ghall-konkluzjoni tieghu li ma kienx hemm simulazzjoni semplicement fuq ezami tal-provi. Ghalhekk, u peress illi l-ewwel talba tal-attur hija bbazata fuq il-premessa tas-simulazzjoni, din qed tigi michuda, minghajr ebda indagini ulterjuri.

“Dwar it-tieni raguni ghar-rexxissjoni: Jibqa' ghalhekk li jigi ezaminat jekk hux il-kaz li dan il-kuntratt jigi annullat minhabba r-ragunijiet l-ohra msemmija mill-attrici, u cioe` d-*dolo*.

“Il-ligi taghna tfisser illi: "L-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda

---

[5] Digesto Italiano: vol. XXI. pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta; ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza: 224/1996 fl-ismijiet Maria Pace vs Carmelo Grima et. deciza fil-5.10.2005.

6 Esther Pace et vs Mary Lauri et.: 12.10.50; Appell: Francesca Seychell et vs Antonio Seychell:27.3.36

mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta. L-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt imma ghandu jigi pruvat." [7] Skond id-dottrina, sabiex jista' jinghad li jezisti dan id-*dolo* jridu jikkonkorru erba' kundizzjonijiet, u cioe`:

*"(i) intenzione di nuocere: A costituire il dolo nel senso di macchinazione o raggiro non basta la coscienza di nuocere, ma si richiede la volonta` diretta a nuocere;*

*"(ii) gravita` dei raggiri o artifizi fraudolenti: gli artifizi e i raggiri debbono essere di tal natura, da fare impressione sopra una persona sensata;*

*"(iii) il dolo deve essere causa del contratto*, u cioe` *quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali, che l'altro senza di essi non avrebbe contrattato;*

*"(iv) i raggiri dolosi debbono essere stata opera dell'altro contrente*[8]*.*

"Bhala fatti, rrizulta fil-kaz in ezami illi l-attur (illum mejjet) kien guvni. Ghamel hajtu jahdem barra bhala kok fl-Air Force Awstraljana. Irritorna Ghawdex ghal kollox ghall-habta tas-sena 1965. Kien jaghmel kollox hu u qatt ma talab ghajnuna ta' hadd. Madwar sitt snin qabel giet intavolata din il-kawza, l-konvenuti offrewlu li jibdew jaqduh, u hu donnu kontra qalbu accetta. Pawlu Xerri, li kien ipparentat mill-boghod mieghu, kien jiehdu jara t-tigrijiet taz-zwiemel fil-festi tal-irhula u l-isptar tax-xjuh biex jinvista lil zijuh. Salvina Xerri kienet tmur darbtejn fil-gimgha taghmillu l-facendi bhal tfarfir u hasil tal-art. Darba minnhom fl-1989 htiegu jigi rikoverat l-isptar ghal tlett gimghat. Kemm dam hemmhekk il-konvenuta kienet tmur kuljum izzuru u fi kliem l-attur stess: "*tissikkani u anke tiggieled mieghi biex niktbilha kollox*."[9] Fuq talba tal-konvenuta, il-mibki avukat dottor Michael Grech u n-Nutar Paul Pisani, kienu marru jkellmu lill-attur l-isptar, biex jaraw x'kienu l-intenzjonijiet tieghu. Dan wera x-xewqa

[7] art. 981 kap. 16.
[8] op. cit. para. 95 - 104.
[9] ara affidavit ta' l-attur a fol.18 - 19 tal-process.

maghhom illi, apparti li jikteb xi haga fuq il-konvenuti bi tpattija ta' dak li kienu qed jaghmlu mieghu, ihalli l-bqija tal-gid lil huh imsiefer, kemm-il darba dan kien lest li jigi jdur bih. Wara li nghata l-parir sabiex jikkuntattja lil huh halli jara kienx lest jidhol ghal dan l-inkarigu, u baqghet ma giet l-ebda risposta, l-konvenuta talbet lill-imsemmi avukat sabiex jipprepara prokura halli ma jintilifx izjed zmien u haditha ghand l-attur biex jiffirmaha.[10] Dan hekk ghamel u l-firma tieghu giet awtentikata minn tabib tal-isptar.[11] Imbaghad bis-sahha ta' dik il-prokura sar il-kuntratt in kontestazzjoni, li bih il-konvenuta, ghan-nom tal-attur bieghet lil zewgha, l-konvenut l-iehor, l-ghalqa deskritta fic-citazzjoni ghal-prezz ta' Lm3000, li Lm1000 minnhom kellhom jigu pacuti ma' somma ekwivalenti dovuta ghas-servigi gia` rezi mill-konvenuti, u l-bilanc kellu jithallas permezz ta' servigi ohra li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jibqghu jirrendu lill-attur.[12] Jumejn wara li rritorna d-dar mill-isptar, l-attur informa lill-konvenuta li ma kellux bzonn iktar tas-servizzi taghha u ta' zewgha, billi kien sab lil haddiehor u talabha c-cavetta tad-dar. Infatti issa kienu dahlu ghal dan l-inkarigu Victor u Salvina konjugi Xerri u lilhom rega' weghdhom l-ghalqa msemmija fic-citazzjoni bhala kumpens ta' dak li kienu ser jaghmlu mieghu. Imma malli dawn saru jafu li kien gia` ttrasferiha lill-konvenuti, infurmaw lill-attur li cahad li kien jaf b'dak il-kuntratt, u ghalhekk ipproceda bil-kawza prezenti ghar-rexxissjoni tieghu.

“Il-perit legali kkonkluda f'dan ir-rigward illi, fil-mankanza tal-prova mportanti ta' meta l-attur effettivament gie rilaxxjat mill-isptar, ma setax jasal ghall-konvinciment illi tassew kien hemm il-frodi, ghax tibqa' tezisti l-possibbilita`, illi l-kuntratt in kwistjoni lahaq sar qabel ma l-attur biddel l-intenzjoni tieghu, kif esprimiha quddiem l-avukat u n-nutar, li jaghti xi proprjeta` lill-konvenuti.

“Minn dak li ssottometta fin-nota tal-Osservazzjonijiet tieghu, jidher illi l-attur prezenti qed jikkontendi illi l-

---

[10] ara depozizzjoni ta' Dr. Michael Grech tal-20.9.2001 quddiem il-perit legali, u l-affidavut tan-nutar Pisani tat-2.6.2004.
[11] ara kopja tal-prokura relattiva Dok. B a fol. 8 - 9 .
[12] Dok. A a fol. 6 – 7.

kuntratt in kwistjoni kien maghmul b'qerq fil-konfront tieghu bazikament ghaliex Salvu Xerri qatt ma nkariga lill-konvenuta Salvina Xerri sabiex taghmel dak it-trasferiment. Infatti, ghalkemm Salvu Xerri ammetta illi l-firma li tidher fuq dik il-prokura kienet tieghu, u ma setax ikun mod iehor ghax giet anke awtentikata minn tabib, tqieghed fid-dubju kemm Salvu Xerri tassew kien jaf x'kien qed jiffirma meta l-konvenuta pprezentatlu l-prokura li kien ippreparalha l-avukat, u jekk it-tabib kienx spjegalu l-kontenut taghha, kif l-avukat kien ta struzzjonijiet lill-konvenuta biex tghidlu jaghmel. Intqal ukoll illi Salvu Xerri din il-karta seta' haseb li kienet il-formula biex jigi rilaxxjat mill-isptar, ghax dik kienet l-ikbar preokkupazzjoni tieghu dak il-hin, billi ma riedx joqghod iktar hemmhekk. Imma dan kollu huwa biss spekulazzjoni, ghax ma ngiebu ebda provi konkreti f'dan ir-rigward, u li jistghu jwasslu l-Qorti ghall-konvinciment illi verament l-attur kien gie ingannat b'din il-prokura.

“Terga' kif sewwa jirrilevaw il-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet responsiva taghhom:

“" … *bil-mod li bih l-attur qed ipingi l-affarijiet, l-azzjoni tal-attur kellha tkun diretta biex l-ewwelnett tattakka l-validita` ta' din il-prokura mahruga minnu u mhux tal-kuntratt per se. L-esponenti jissottomettu illi fit-talbiet tieghu l-attur fl-ebda hin ma talab li l-prokura tigi dikjarata nulla stante li giet rilaxjata b'qerq adoperat mill-konvenuti, izda huwa attakka direttament il-kuntratt. Dan m'huwiex dak li kellu jaghmel l-attur, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, huwa ma kienx prezenti ghall-kuntratt, u ghalhekk strettament, fil-hin li fih kien qed jigi pubblikat il-kuntratt, ma setax jigi mqarraq*."

“Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni, ghaliex jekk kien hemm xi qerq, dan seta' jsehh unikament meta giet iffirmata l-prokura li giet imbaghad uzata sabiex sar il-kuntratt in kwistjoni. F'dak l-istadju biss l-attur seta' gie ngannat li minghalih qed jiffirma ghal haga, mentri bl-allegat qerq tal-konvenuti, gie mgieghel jemmen illi kien qed jaghti l-kunsens tieghu ghal xi haga ohra. Jekk min-naha l-ohra ma kien hemm l-ebda qerq fl-ghoti ta' din il-prokura, u ghalhekk kienet valida, il-konvenuta tista' tkun

hatja biss li ttradiet il-fiducja reposta fiha mill-mandanti taghha talli tkun allegatament resqet ghall-kuntratt ta' bejgh minghajr ma qabel infurmat lill-istess mandanti, u ghalhekk tesponi lilha nnifisha ghad-danni.[13] Imma billi fic-citazjoni tieghu, l-attur ma pprecediex it-talba tieghu ghar-rexxissjoni tal-kuntratt in kwistjoni, b'talba ohra ghad-dikjarazzjoni tal-invalidita` tal-prokura li bis-sahha tieghu sar l-istess kuntratt, ghal din ir-raguni wkoll it-tieni talba tieghu lanqas ma tista' tirnexxi.

“Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.”

**<u>L-appell tal-attur</u>**

2.1 L-attur Victor Scerri hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appella minnha fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata, bl-akkoljiment tat-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2.2 L-aggravji tal-attur dedotti f’forma kemmxejn konfuza u f’certi partijiet neboluza, jistghu jingabru, b’mod succint, taht il-punti segwenti:-

(i) l-ewwel Qorti zbaljat meta qabdet u ghaddiet biex tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, fis-sens li fl-ewwel lok, l-attur kien messu attakka l-validita` tal-prokura maghmula minnu. Dan meta l-attur ried invece jattakka l-kuntratt ta’ trasferiment li sar in kwantu dan ma kienx jirrifletti tabilhaqq il-volonta` tal-attur appellant.

(ii) jekk l-att ta’ trasferiment kien wiehed null u revokabbli, isegwi li allura huwa invalidu l-att preordinat ghalih. Dak kollu li kellu jipprova l-attur in sostenn tat-talbiet tieghu sar, u ghalhekk, skond l-appellant, it-talbiet tieghu messhom intlaqghu.

2.3 Il-Qorti zbaljat meta cahdet l-ewwel talba attrici. Dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti dwar is-‘simulazzjoni assoluta’ ma japplikax ghall-kaz in ezami.

[13] art. 1873 kap. 16.

2.4 L-attur imbaghad ighid li ma jaqbilx ma’ l-ewwel Qorti in kwantu din accettat ir-ragjonament tal-kontroparti “li darba li l-konvenuta ghamlet uzu mill-prokura maghmula favur taghha mill-attur, dan il-fatt, minnu nnifsu jeskludi l-element tad-*dolo* jew tal-qerq tal-konvenuta.” Anki li kieku l-konvenuta kellha prokura valida favuriha (xi haga li ma kellhiex) dan ma jfissirx li din kellha tuza din il-prokura *ad insaputa* tal-attur appellant biex tittrasferixxi favur zewgha l-art tal-attur. Il-qerq qieghed sew fil-kontenut kif ukoll fil-forma tal-kuntratt li sar. L-attur mhux veru ried jaghmel l-imsemmi trasferiment lir-ragel tal-konvenuta, isostni l-appellant.

**<u>Ir-risposta tal-appell tal-konvenuti</u>**

3.1 Il-konvenuti Salvina u Paul, konjugi Xerri wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Huma jghidu li wiehed (f’dan il-kaz l-attur) ma jistax isostni li kien hemm xi simulazzjoni jew *dolo*, meta huwa stess ma kienx prezenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. L-attur “gie rapprezentat bi prokura”, u ghalhekk kien impossibbli ghalih li jallega li kien hemm qerq jew simulazzjoni min-naha tieghu stess. L-attur seta’ jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt in kwistjoni biss kieku jattakka l-prokura li huwa rrilaxxja lill-konvenuta; u mhux billi jattakka l-validita` tal-kuntratt kif ghamel.

Apparti s-suespost, il-provi juru li dak kollu li sar kien bil-konsapevolezza tal-attur originali (Salvu Xerri, illum mejjet). Mhux minnu li t-talbiet attrici gew respinti unikament ghax giet akkolta l-hames eccezzjoni, imma wkoll ghaliex il-provi ma wasslu qatt ghall-konvinciment mehtieg tal-gudikant. L-attur ma rnexxilux igib provi in sostenn tal-kaz tieghu la fir-rigward tas-simulazzjoni u lanqas dwar il-qerq li jissemma fit-tieni talba tieghu.

Minbarra dan, id-*dolo* jew il-frodi fuq kuntratt, kif gie allegat mill-attur, m’huwa qatt prezunt izda jrid jigi ppruvat minn min qed jallegah – hekk ara l-Artikolu 981(2) tal-Kap. 16. Anzi oltre l-element qarrieqi, irid ukoll jigi ppruvat li

dan kien ukoll fattur "determinanti fuq il-volonta` tal-parti li tkun qed tigi mqarrqa".

Dwar it-tielet aggravju jinghad mill-appellati li l-attur ifformula l-ewwel talba tieghu, daqs li kieku qed jitlob rexxissjoni ta' kuntratt li huwa validu. Izda dan ghamlu minghajr talba specifika li l-kuntratt huwa wiehed simulat, jew talba dwar x'kien hemm realment wara l-kuntratt allegatament simulat.

F'kull kaz, kawza kumulattiva ta' rexxissjoni u simulazzjoni fir-rigward ta' kuntratt hija improponibbli u kontradittorja, imqar jekk ma gietx sollevata minnhom eccezzjoni f'dan is-sens.

Dan l-appell ghandu ghalhekk, dejjem skond l-appellati, jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

4. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-attur appellant, hija sejra taghti sfond in succint tal-fatti tal-kaz u fl-istess hin taghmel xi osservazzjonijiet taghha dwarhom.

5. Mill-provi jirrizulta li Salvu Xerri (l-attur originali, illum mejjet) kien arrwolat fl-Air Force Awstraljana tul il-hajja lavorattiva tieghu sakemm irtira u gie joqghod f'Ghawdex ghall-habta tas-sena 1965. L-attur kien bniedem indipendenti fis-sens li jhobb jaghmel kollox hu bla ma jitlob l-ghajnuna ta' hadd. Gara li madwar sitt snin qabel ma giet intavolata l-kawza in ezami, il-konvenuti offrewlu li jibdew jaqduh (il-konvenut Paul Xerri kien jigi minnu) u l-attur accetta ghalkemm, kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti dan ghamlu "kontra qalbu". Il-konvenut gieli hadu mieghu jassisti ghat-tigrijiet taz-zwiemel. Hadu wkoll ghal xi festi fl-irhula, kif ukoll jivvizita lil zijuh l-isptar. Il-konvenuta kienet tmur taghmillu facendi f'daru xi darbtejn fil-gimgha.

Fl-1989, l-attur htieglu jigi rikoverat l-isptar fejn dam madwar tlett gimghat.  Kemm dam hemmhekk, il-konvenuta kienet tmur izzuru kuljum.  Kien proprju dan il-perjodu ta' rikoveru temporanju li ta bidu ghall-vertenza in ezami.  Salvu Xerri fl-affidavit tieghu qal li meta l-konvenuta kienet tmur izzuru, ighid li din kienet "tissikkani u anke tiggieled mieghi biex niktbilha kollox" (ara affidavit ta' Salvu Xerri, a fol. 18-19 tal-process).  Mal-konvenuta kien ikun hemm zewgha, il-konvenut appellat l-iehor, u persuna ohra li kienet tkun l-isptar, certu Guzepp, mix-Xewkija.  Izid anzi jghid hekk dwar l-intervent taghhom:

"Naf li ssikkawni hafna biex naghmel xi kitba izda jien ma ridtx naghmel kitba."

Ghalhekk l-attur ighid li kien sorpriz meta skopra li effettivament sehh trasferiment ta' parti minn gidu favur il-konvenut Paul Xerri,

"......ghaliex ma ridtx din ir-raba tkun tal-konvenuti."

Minkejja din ir-rezistenza da parti tal-attur fiz-zmien li kien fl-isptar, jirrizulta li l-konvenuta baqghet tippersevera fl-isforzi taghha.  Di fatti, jirrizulta li kellmet u hadet maghha l-isptar kemm lill-avukat ta' fiducja taghha, l-Avukat Michael Grech (illum mejjet) kif ukoll lin-nutar Paul George Pisani biex ilkoll flimkien ikellmu lil Salvu Xerri, jaraw x'kien intenzjonat li jaghmel u fl-istess waqt jispjegawlu b'liema mod dawn l-intenzjonijiet tieghu setghu jigu attwati.

Minn dak li xehdu l-konvenuta u l-Avukat Grech jirrizulta li, bil-kontra ta' dak li xehed Salvu Xerri, dan Xerri kien propens li "jikteb xi haga" favur il-konvenuti bi tpattija ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu mieghu.  Fl-istess waqt, deher ukoll bic-car li Salvu Xerri xtaq ihalli l-bqija ta' gidu lil huh, li kien imsiefer l-Awstralja, kemm-il darba dan kien lest li jdur bih.  Skond l-Avukat Grech, Salvu Xerri lilu spjegalu "xi xtaq ezatt" u li hu (i.e. l-attur) ried jittrasferixxi l-art *de quo* lill-konvenuta pero` billi deherlu li l-valur kien oghla minn dak li hass li kien obbligat lejha ghas-servigi, huwa ried ukoll xi haga tal-flus minghandha (ara

depozizzjoni ta’ Dottor Grech tal-20 ta’ Settembru 2001 quddiem il-Perit Legali). L-attur kellu fil-frattemp jara kif jibghat jinforma lil huh – bla ma gie pprecizat kif u meta – b’dak li kellu f’mohhu (skond il-konvenuta u l-Avukat Grech) u wara jsir dak kollu li kien mehtieg isir. Dakinhar ghalhekk ma sar xejn aktar u ebda kitba lanqas.

Ma jidhirx li Salvu Xerri kellu xi risposta minghand huh – jekk tassew baghat jinfurmah – u l-konvenuta Salvina Xerri regghet hadet l-inizjattiva billi marret mill-gdid tkellem lill-Avukat taghha biex il-bicca ma tieqafx hesrem. L-Avukat Grech xehed li lill-konvenuta ppreparalha prokura generali li biha Salvu Xerri kien qieghed jahtarha bhala prokuratrici generali tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Il-konvenuta hadet din il-prokura l-isptar u fuqha otteniet il-firma ta’ Salvu Xerri. Din il-firma saret fil-prezenza ta’ tabib tal-isptar (ara kopja – Dok B, fol. 8/9 tal-process). Wara dan, il-konvenuta dehret f’isem Salvu Xerri fuq il-kuntratt impunjat li in forza tieghu ttrasferixxa proprjeta` ta’ Xerri favur zewgha stess, jigifieri l-konvenut Paul Xerri ghas-somma ta’ Lm3000. Minn dan l-ammont, elf lira tqisu kumpens ghal servigi gia` rezi, filwaqt li l-bqija tal-ammont kellu jigi kkumpensat mill-konvenuti permezz ta’ servigi futuri (ara kuntratt, Dok A, fol. 6-7 tal-process).

Jumejn biss wara li l-attur mar lura d-dar ghax inhareg mill-isptar – id-data ezatta baqghet mhux specifikata – l-attur informa lill-konvenuta li ma riedx aktar assistenza min-naha taghhom fil-htigijiet tieghu. Minflokhom sab qraba tieghu ohrajn biex iduru bih. Lill-konvenuta talabha lura c-cavetta ta’ daru.

Mill-provi jirrizulta li lill-qraba l-‘godda’, jigifieri Victor u Salvina konjugi Xerri, l-attur wieghedhom li jittrasferilhom l-istess proprjeta` li kellu fix-Xaghra bhala kumpens anticipat ghal servigi futuri. Ovvjament, ghal din il-promessa (li kienet ser tigi fis-sehh) kien hemm l-ostakolu li l-proprjeta` *de quo* gia` kienet daret fuq il-konvenut Paul Xerri – fatt li l-qraba l-godda ma kienux ghad jafu bih. In fatti kien in-Nutar Pisani li gharrafhom b’dan. Rinfaccjat

b'dan l-istat ta' fatt, Salvu Xerri cahad li kien edott b'dak li sehh f'ismu min-naha ta' Salvina Xerri. Fil-bidu anke dwar il-prokura innega konoxxenza sakemm gie muri l-firma tieghu fuqha.

6. It-talbiet attrici, ghal fini ta' impunjazzjoni hija msejsa fuq zewg ragunijiet: is-simulazzjoni u l-qerq.

It-talbiet tal-attur kienu dawn:

"Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti (ghaliex) m'ghandiex din il-Qorti, tordna r-rexxissjoni (sic)

"1. Tordna r-revizjoni (sic) tal-att ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-28 ta' Ottubru 1989 li bih il-konvenuta Salvina Xerri li dehret ghan-nom tal-attur bieghet lill-istess zewgha l-konvenut l-iehor Pawlu Xerri, il-porzjoni art fi Triq il-Kortoll, Xaghra...minhabba li dan l-att huwa simulat u l-partijiet qatt ma kellhom f'mohhom li jesegwixxu dan it-tip ta' negozju guridiku.

"2. Tordna r-rexxissjoni tal-istess att ta' bejgh jigi rexiss (sic) billi l-istess att sar b'qerq u bi frodi ghall-attur li ad insaputa tieghu (sic)."

7. Azzjonijiet ta' rexxissjoni ta' atti notarili bbazati fuq is-simulazzjoni u/jew il-qerq m'humiex fost l-ehfef proceduri fil-kamp litigjuz minn *punto di vista* ta' produzzjoni ta' provi. Fil-kaz in ezami, imbaghad, il-fatt li hemm protagonist (l-attur Salvu Xerri) li kien gia` anzjan meta istitwixxa l-kawza u xhud iehor ewlieni, l-Avukat Michael Grech, li mietu fil-mori tal-kawza, ikompli jirrendi l-ezercizzju aktar iebes. L-attur ghazel it-triq li jimpunja l-att ta' trasferiment *de quo* fuq zewg kapi: dak tas-simulazzjoni u dak tal-qerq. L-attur, permezz tal-avukat tieghu, jissottometti li, indipendentement mill-validta` *o meno* tal-prokura *de quo*, il-kuntratt ta' trasferiment la kien jirrifletti l-volonta` tal-partijiet (*ergo*, is-simulazzjoni) u f'kull kaz, ma kienx lanqas minnu li l-attur Salvu Xerri ried jew ta l-kunsens tieghu ghat-trasferiment li sar mill-konvenuta permezz tal-kuntratt impunjat favur zewgha, il-konvenut l-iehor.

8. L-attur appellant jillanja mill-fatt li, skond hu, l-ewwel Qorti marret fuq il-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenuti appellati u b'mod zbaljat ikkonkludiet li l-attur messu fl-ewwel lok attakka l-validita` tal-prokura mahruga favur il-konvenuta Salvina Xerri.

Fil-fehma tal-Qorti, din l-asserzjoni tal-appellant, *per via* ta' aggravju, ma tirrispekkjax ezattament il-mod kif imxiet l-ewwel Qorti. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti bdiet billi spjegat x'tipprovdi l-ligi dwar meta ftehim ikun null, u kwindi suggett ghar-rexxissjoni - Artikolu 1212 tal-Kap. 16 - u, in segwitu dahlet biex tezamina l-ewwel talba dwar l-allegata simulazzjoni u ddecidiet li din ma tirrizultax. Skond dik il-Qorti, in kwantu s-simulazzjoni giet ibbazata fuq il-vizzju tal-kunsens, din ma kienitx raguni valida "ghax tippresupponi l-inezistenza ta' kuntratt, mentri fir-rexxissjoni, kif ghadna kemm rajna, ghandna kuntratt li sakemm ma jigix dikjarat null, jibqa' validu."

9. Issa tajjeb li jinghad li proprjament dak li kien qieghed jallega l-attur dwar is-simulazzjoni kien li jekk tassew kellu jsir xi kuntratt dan qatt ma seta' jiehu l-forma ta' bejgh ghaliex mhux biss l-attur Salvu Xerri qatt ma ried jittrasferixxi l-proprjeta` lill-konvenut Pawlu Xerri imma lanqas korrispettiv ma gie mhallas ghal dan is-suppost bejgh. Dan peress li ma gew rezi ebda servigi min-naha tal-konvenuti favur l-attur la qabel ma sar il-kuntratt impunjat u wisq anqas wara ghar-raguni li appena Salvu Xerri hareg mill-isptar u mar lura f'daru, kull kuntatt mal-konvenuti twaqqaf.

10. Id-diffikulta` ghal rizoluzzjoni gusta ta' din il-vertenza gejja mill-kostatazzjoni li minflok ma l-attur, b'mod car u inekwivoku, spjega ezattament f'hiex kienet tikkonsisti s-simulazzjoni u/jew il-qerq adoperat riferibbilment ghall-fatti in kawza, huwa intilef, minflok, f'hafna riferenzi u siltiet dottrinali dwar it-teoriji in propozitu bil-konsegwenza li aktar ikkomplika l-kaz tieghu milli spjegah. Bir-rispett kollu, anke l-ewwel Qorti waqghet f'din it-trappola. Huwa tajjeb li wiehed izomm kostantament quddiemu x'tghid il-ligi u x'inhu l-insenjament dottrinali dwarha, imma xejn ma

jiswa jekk il-provi akkwiziti ma jkunux sufficjentement cari, anzi jkunu ta' natura dubbjuza u inkonklussiva. Meta jigri hekk, ikun jaqbel li fl-ewwel lok tinghata importanza lill-provi fattwali. Fejn kienet sewwa sew is-simulazzjoni? Fejn sehh sewwa sew il-qerq? Minflok jaghti twegiba cara u netta, l-attur joqghod idur mal-lewza. L-atti qarrieqa bdew fil-mument li giet ottenuta l-prokura, jew meta sar id-diskors dwar x'ghandu jsir fil-prezenza tal-Avukat Grech u n-Nutar Pisani fl-isptar? Il-vizzju tal-kunsens sehh meta sar dan kollu jew meta gie redatt il-kuntratt impunjat? Frankament, huwa difficli biex wiehed isib risposta cara ghal dawn il-kweziti bazici.

11. Konxju minn din id-diffikulta`, il-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti pprova – gustament fil-fehma ta' din il-Qorti – li jikkoncentra maggorment fuq il-provi prodotti, bir-rizultat pero` li ma wasalx biex jiddeciedi b'mod konvincenti favur naha jew ohra. Il-konkluzjonijiet peritali kienu s-segwenti:-

(i) li z-zewg partijiet ipprezentaw zewg verzjonijiet li t-tnejn li huma possibbli u verosimili;

(ii) li fl-istat tal-atti kif inhuma, it-talba tal-attur ma tistax tintlaqa', u dan minhabba konflitt serju ta' provi li minhabba f'hekk, l-attur ma rnexxilux igib dawk il-provi cari, univoci u konkordanti li jwasslu ghac-certezza morali rikjesta f'kazijiet bhal dawn.

Minkejja dan, il-perit gudizzjarju hassu fid-dmir li jaghmel rakkomandazzjoni lill-Qorti u b'hekk ta wkoll x'jifhem li ried ihalli l-bieb imbexxaq. Huwa ssuggerixxa li l-Qorti tordna li jigi prodott b'xhud is-Suprintendent tal-isptar f'Ghawdex biex dan jispecifika d-dati ta' dhul u hrug mill-isptar tal-imsemmi Salvu Xerri – billi deherlu li dan seta' jkollu piz determinanti fuq il-kredibbilita` ta' naha u ohra. Gara li l-ewwel Qorti tat zmien lill-partijiet ghal sottomissjonijiet dwar dan, pero` spiccat biex cahdet is-suggeriment. Il-Qorti (fol. 142) qalet hekk:

"...jirrizulta li l-attur kien intavola rikors ghall-ingunzjoni ta' dan ix-xhud, li giet michuda ghaliex ma kienitx indikata d-

data tas-smiegh. Madankollu l-attur baqa' qatt ma rega' ttenta jipproduci l-istess xhud u l-perit legali gie awtorizzat jirrelata. Ghalhekk m'ghandux l-attur issa jigi ppremjat ghal tali negligenza tieghu."

Bla ma talab permess, l-attur appella minn dan id-digriet u l-appell tieghu mar dezert (ara fol. 166). Saret mill-gdid talba ohra quddiem l-ewwel Qorti ghall-istess skop izda din regghet sfat michuda.

12. L-appellant jilmenta wkoll ghaliex, skond hu, l-ewwel Qorti qabdet u laqghet il-hames eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens li l-attur messu attakka l-validita` tal-prokura u skartat aspetti ohrajn tat-talbiet. L-attur pero` huwa skorrett dwar din is-sottomissjoni tieghu. L-ewwel Qorti ghamlitha wkoll bic-car (kwindi mhux kif gie sottomess mill-appellant) li f'kull kaz il-prova dwar qerq ma rrizultax sufficjentement. Di fatti fis-sentenza appellata nsibu li gej:

"Intqal ukoll illi Salvu Xerri din il-karta[14] seta' haseb li kienet il-formula biex jigi rilaxxjat mill-isptar, ghax dik kienet l-akbar preokkupazzjoni tieghu dak il-hin, billi ma riedx joqghod iktar hemmhekk. Imma dan kollu huwa biss spekulazzjoni, ghax ma ngiebu ebda provi konkreti f'dan ir-rigward, u li jistghu jwasslu l-Qorti ghall-konvinciment illi verament l-attur kien ingannat b'din il-prokura."

13. Din il-Qorti, wara li gharblet sew u fit-tul il-provi, filwaqt li jidhrilha li l-provi u tezi tal-attur ma jistghux jitwarrbu totalment ghax huma 'biss spekulazzjoni', kif ittimbrathom l-ewwel Qorti, fl-istess hin hija wkoll tal-fehma li ma tinsabx konvinta, fuq bazi ta' probabbilta` u preponderanza ta' provi, li dak li gie allegat mill-attur gie sufficjentament ippruvat.

14. Ghalkemm huwa minnu li f'dan il-kaz jezistu numru ta' indizji suspettuzi hafna dwar l-operat tal-konvenuta, mandankollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li dawn l-indizji huma qawwijin talment li jissuffragaw xi wahda mit-tezijiet tal-attur ghall-fini ta' impunjazzjoni tal-kuntratt ta'

[14] Referenza ghall-prokura,

trasferiment. Pressjoni da parti tal-konvenuta fuq Salvu Xerri meta dan kien jinsab rikoverat l-isptar certament tirrizulta. Il-fatt li l-Avukat Grech, illum mejjet, ghazel it-triq li jirredigi prokura generali favur il-klijenta tieghu (flok wahda specjali) u jhalliha ghal rihha f'idejn il-konvenuta ftit kienet tispira fiducja. Lanqas il-mod kif xehed in-Nutar Pisani, u li dwaru kkummenta l-perit legali, ma joffri hafna affidament. Dan l-ewwel xehed li ma jiftakar xejn imbaghad, wara li sema' lill-Avukat Grech, ftakar kollox bhalu. Pero` din ir-retroxena shiha hija bizejjed biex wiehed jaccetta xi parti mit-talbiet tal-attur? Wara li hasbet fit-tul u qieset ix-xhieda kollha moghtija, din il-Qorti hija konkordi mal-ewwel Qorti li l-kawza attrici m'hijiex sorretta bi provi sufficjenti biex iggieghelha tvarja l-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata, u dan ukoll ifisser li l-aggravji tal-attur huma infondati. Li kieku din il-vicenda waqfet sal-punt ta' meta Salvu Xerri; (illum mejjet) temm hesrem kull rapport li kellu mal-konvenuti ftit zmien wara li hareg mill-isptar, f'dak il-kaz din il-Qorti kienet tkun propensa li takkolji t-tezi ta' vizzju ta' kunsens min-naha ta' Salvu Xerri imma l-Qorti kompliet issegwi l-izvilupp kollu li sehh wara dan l-akkadut, u fejn allura setghet tirrealizza li hawn si trattava ta' persuna, Salvu Xerri, li kienet facilment kapaci tbiddel fehmitha skond ic-cirkostanzi tal-mument. Dan jirrizulta evidenti mill-fatt li, proprju ftit gimghat wara li Salvu Xerri qata' kull rapport mal-konvenuti u attira ruhu mill-attenzjoni u kura li bdew jinghatawlu minn qraba ohra tieghu, huwa deher pront li, ghal darb'ohra, jaljena lill-haddiehor din il-proprjeta` tieghu per via ta' kumpens ghal servigi futuri – bl-istess mod ezatt, jigifieri, kif fil-fatt jirrizulta li ghamel mal-konvenuti. Kien biss ghaliex dan it-trasferiment ma kienx baqa' aktar possibbli li jsir, li wassal ghall-kawza prezenti. Il-mod, imbaghad, kif l-attur Salvu Xerri beda jinnega kollox dwar l-operat tieghu meta kien l-Isptar fir-rigward tal-prokura aktar serva biex jindebolixxi t-tezi tieghu li safa' mqarraq mill-konvenuti. L-operat ta' Salvu Xerri in segwitu ghall-hrug tieghu mill-isptar, imbaghad, jaghti kredtu lid-depozizzjoni kategorika moghtija mill-Avukat Michael Grech (ara depozizzjoni datata 20 ta' Settembru 2001 quddiem il-perit legali) fis-sens li ma kienitx xi haga daqstant stramba li Salvu Xerri kien tassew iddecieda li

jaddivjeni ghat-trasferiment impunjat proprju biex jikkumpensa lill-konvenuti ta' servigi fil-konfront tieghu. Li kieku l-attur, permezz tal-avukat tieghu, ikkoncentra b'aktar impenn u serjeta` fuq l-aspett probatorju tal-azzjoni, minflok ma litteralment jintilef f'hafna teoriji legalistici, l-istanza tieghu setghet, forsi, twassal ghal ezitu pozittiv ghalih, imma dan ma kienx il-kaz. U kwindi huwa kollu inutli li f'dana l-istadju l-attur jipprova jirrimedja ghal dawn in-nuqqasijiet min-naha tieghu billi jilmenta li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet wahda skorretta u ingusta fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija tichad l-appell tal-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------